MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 648/2002

**Avviz numru 648/2002DM**

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Shirley Blake u l-istess Shirley Blake**

**Vs**

**Kenneth Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm1776.87c danni u Lm25 danni lill-attrici in segwitu ghall-incident stradali li sehh St Andrews fis-17 ta' Frar 2002 bejn car Nru AAG 961 tal-atturi u vettura Nru EAC 349 misjuqa mill-konvenut prevja dikjarazzjoni li kien responsabbli ghall-incident u

danni minhabba imperizja, negligenza, nuqqas ta’ hila u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-kap 104 u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kenneth Tabone fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok it-talbiet ta’ l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-incident awtomobilistiku sehh unikament minhabba negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attrici u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2 Ghalhekk it-talbiet ta’ l-attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tad-19 ta’ Frar 2003 fejn il-konvenut iddikjara illi mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni grat fl-inkrocju illi hemm fi triq St Andrew’s, San Giljan, fejn tisbokka Triq Walter Ganado u f’ liema inkrocju hemm istallati t-‘traffic lights’ biex jirregolaw it-traffiku illi jkun irid jaqsam il-karreggjata ta’ traffiku iehor.

Evidentement, sakemm dawn it-‘traffic lights’ ikunu qeghdin jiffunzjonaw regolarment u l-kulur tad-dwal ikun

osservat mis-sewwieqa, kollizzjoni bhal dik in kwistjoni ma tisghax issehh.

M ngibet ebda provi li d-dwal tat-“*traffic lights*” ma kienux qeghdin jiffunzjonaw regolarment u ghalhekk il-presunzjoni applikabbli hija li d-dwal kienu qeghdin jahdmu b’mod regolari u illi l-kollizzjoni grat bil-fors ghaliex wiehed mis-sewwieqa involuti fil-kollizzjoni ma osservax jew injora il-kulur tad-dawl mixghul ghalih/a u invada l-karreggjata tat-traffiku l-iehor meta huwa kien impedut milli jipprocedi fis-sewqan.

Iz-zewg sewwieqa, li huma l-attrici Shirley Blake u l-konvenut Kenneth Tabone, fid-deposizzjoni taghhom guramentata, t-tnejn isosstnu illi meta huma pprocedew ghall-inkrocju l-kulur tad-dawl indikat ghalihom kien ahdar, u ghalhekk jirrizulta bil-fors illi wiehed minn dawn il-kontendenti mhux qieghed jghid il-verita’ billi l-funzjonament regolari ta t-‘traffic lights’ jimpedixxi li l-kulur tad-dwal ghal konvenut ikun l-istess kulur bhal dak tad-dwal li jkun qieghed jidderigi t-traffiku provenjenti minn fejn kienet gejja l-attrici Blake.

L-obbligu tal-Qorti huwa ghalhekk illi taghzel liema wahda minn dawn il-verzjonijiet kontradittorji hija l-iktar affidabbli.

Izda fin-nuqqas ta’ ebda indizju illi jista’ jsahhah verzjoni wahda iktar mill-ohra, l-Qorti jkollha tikkonkludi illi l-atturi naqsu milli jaslu ghal prova minnhom rikjesta biex jistabbilixxu li l-konvenut kien dak li dahal fil-inkrocju irregolarment u li ghalhekk kien responsabbli ghall kollizzjoni.

Ghaldaqstant tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------